

32004D0008

7.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 3/33

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI  
tal-5 ta' Novembru 2003**  
**li temenda d-Deċiżjoni 2001/528/KE li jistabbilixxi l-Kumitat tat-Titoli Ewropej**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2004/8/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,  
Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

- (1) F'Ġunju 2001, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjonijiet 2001/527/KE <sup>(1)</sup> u 2001/528/KE <sup>(2)</sup> li jistabbilixxu l-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej u l-Kumitat tat-Titoli Ewropej rispettivament.
- (2) Id-Deċiżjoni 2002/528/KE stabbiliet il-Kumitat tat-Titoli Ewropej fil-kapaċċità konsultattiva tiegħu. Skond id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar in-negożjati minn ġewwa u l-manipulazzjoni tas-swieq (l-abbuż tas-swieq) <sup>(3)</sup>, il-Kumitat tat-Titoli Ewropej jista' jaġixxi bħala kumitat regolatorju fit-tifsira tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi l-proċeduri sabiex jeżerċita l-poteri ta' l-implementazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni <sup>(4)</sup>.
- (3) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar u tal-21 ta' Novembru 2002, il-Parlament Ewropew endorsja l-qafas regolatorju fuq erba' livelli mitkellem favuru fir-Rapport Finali tal-Kumitat ta' l-Għorrief dwar ir-regolazzjoni tas-swieq tat-titoli Ewropej u sejjaħ għalbiex jiġu estiżi ċerti aspetti ta' dan l-avviċinament għas-setturi tal-banek u ta' l-assigurazzjoni, bla ħsara għal impenn ċar mill-Kunsill li jiġi għarantit bilanċ iċtituzzjoni xieraq.
- (4) Fit-3 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni għalbiex tieħu passi sabiex tittraferixxi lill-istrutturi digħi stabbiliti fil-kamp tat-titoli l-funzjonijiet u l-poteri preżenti miżmura mill-Kumitat tal-Kuntratti ta' l-UCITS (l-impriżi għall-investiment kollettiv fit-tiġriġ trasferibbi), stabbilit bid-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-kordinament tal-liggi, ir-regolamenti u d-disposizzjoni amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-impriżi għall-investimmt kolletiv fit-titoli trasferibbi (l-UCITS) <sup>(5)</sup> kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup>.

- (5) Il-Kummissjoni pproponiet direttiva tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, li temenda, fost ħwejjeġ oħra, id-Direttiva 85/61/KE sabiex tħassar il-funzjonijiet tal-Kumitat tal-Kuntratti ta' l-UCITS skond l-Artikolu 53 ta' din id-Direttiva u sabiex tittrasferixxi dawk stabbiliti skond l-Artikolu 53a ta' l-istess Direttiva lill-Kumitat tat-Titoli Ewropej.
- (6) Din l-emenda trid teħtieġ emenda korrispondenti u simultanja dwar il-kompetenza tal-Kumitat tat-Titoli Ewropej, kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2001/528/KE,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠE:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2001/528/KE hija emendata kif ġej:

L-Artikolu 2 jiġi mibdul b'dan li ġej:

*Artikolu 2*

Ir-rwol tal-Kumitat għandu jkun li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tal-politika kif ukoll dwar l-abbozzi ta' proposti li l-Kummissjoni tista' tadotta fil-kamp tat-titoli, inklużi l-impriżi għall-investiment kollettiv fit-titoli trasferibbi (l-UCITS)."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-istess jum tad-dħul fis-seħħ ta' kull direttiva li temenda l-funzjonijiet tal-Kumitat tal-Kuntratti ta' l-Assigurazzjonijet ta' l-UCITS sabiex tittrasferihom lill-Kumitat tat-Titoli Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Novembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 191, tat-13.7.2001, pg. 43.<sup>(2)</sup> ĠU L 191, tat-13.7.2001, pg. 45.<sup>(3)</sup> ĠU L 96, tat-12.4.2003, pg. 16.<sup>(4)</sup> ĠU L 184, tas-17.7.1999, pg. 23.<sup>(5)</sup> ĠU L 375, tal-31.12.1985, p. 3.<sup>(6)</sup> ĠU L 41, tat-13.2.2002, p. 35